**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 11 ta' Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 241 / 14RGM

Kawza fil-lista: 18

**X L**
**vs**
**A L**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi il-fatti hawn taht dikjarati jafhom l-esponenti personalment.

Illi permezz ta' sentenza ghal citazzjoni numru 186/2001RCP datata 30 ta' Marzu 2004 huwa kien gie ordnat ihallas lill-konvenuta ghaz-zewg ulied minuri is-somma ta' €104.82 (Lm45) fil-gimgha bhala manteniment.

Illi dan il-manteniment kien gie ikkalkolat a bazi tal-fatti illi dak iz-zmien, meta huwa kien jahdem kien jaqla bejn €825.28 (Lm 350) u €931.74 (Lm400) fix-xahar.

Illi l-esponenti rtira bil-Pensjoni b'effett mit-23 ta' Gunju 2012, u beda jircievi ir-pensjoni tal-eta` u xi beneficcji socjali ohra li b'kollox jammontaw ghal €111.75 (mija u hdax-il euro u sebgha u hamsin centezmu) fil-gimgha.

Illi wara li hareg bil-pensjoni l-esponenti baqa jahdem ftit fix-xoghol li dejjem ghamel u cioe` dak ta' tqeghid ta' madum, sabiex jkun f' posizzjoni li jhallas il-

manteniment ghall-uliedu, u dan baqa' jghamlu sakemm ma kellu incident fuq il-post tax-xoghol fis-7 ta' Marzu 2013.

Illi l-esponenti, jbati wkoll minn mard respiratorju u diversi kondizzjonijiet li gabuh f'sitwazzjoni li ma jistax jahdem aktar, u ghalhekk spicca bl-unika introjtu tieghu jkun dak ta' €111.75 fil-gimgha u cioe' €447 (erbgha mija u sebgha u erbghin euro) kull erba` gimghat li huwa jircievi mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali.

Illi min dan id-dhul tal-pensjoni huwa kull xahar ghandu is-segwenti spejjez;

€ 8.00 - kera tad-dar fejn jghix ma huh.
€ 45 cirka - dawl u ilma
€ 43 - Cable television u telephone
€ 200- xiri ta' ikel u bzonnijiet ohra ta' kuljum
€ 35 cirka – medicini

Illi dawn l-ispejjez jammontaw ghal total ta' € 331.00 kull xahar.

Illi l-esponenti ma ghandu ebda assi jew investimenti x'jista jillikwida u ma ghandu ebda flus imwarbin.

Illi minhabba is-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha, li ma gabiex fuqu kapriccozament, l-esponenti jinsab f' impossibilita` li jhallas il-manteniment kif ordnat, u martu l-intimata, li da parti taghha ghandha impjieg fiss mal-Gvern, b'introjtu li l-esponenti ma jafx kemm hu, qed taghmel rapporti lill-Putizija dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment, liema proceduri jistghu jwasslu sahansitra ghal pieni karcerarji ghall-esponenti.

Illi l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi b'dan ir-rikors guramentat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 8 ta' Ottubru 2014.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jghogobha;

1. Tiddikjara illi ir-rikorrenti huwa fl-impossibilita` li jhallas il-manteniment kif ordnat permezz tas-sentenza fl-ismijiet A L vs X L (Cit 186/2001 RCP datata 30 ta' Marzu 2004) stante bdil fic-cirkostanzi, inkluz tnaqqis sostanzjali fid-dhul tieghu.

2. Konsegwentament tordna illi l-manteniment li ghandu jhallas ir-rikorrenti lill-intimata ghall-uliedu minuri, jigi imnaqqas ghal ammont li din l-Onorabbli

Qorti jidhrilha li jkun gust fic-cirkostanzi u li l-esponenti jkun f'posizzjoni li jhallas.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur rikorrenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi jigi eccepit illi kwalunkwe tibdil li seta' rrizulta fic-cirkostanzi finanzjarii jew mod iehor, tal-konvenut intimat huma konsegwenza tad-decizjonijiet u azzjonijiet tal-konvenut intimat; illi l-esponenti u wliedha m'ghandhomx ibatu l-konsegwenzi ta' tali azzjoniiiet u decizjonijiet, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti. Illi dawn id-decizjonijiet u azzjonijiet kollha ttiehdu u sehhew wara li nghatat is-sentenza ta' separazzjoni personali mill-Onorabbli Qorti u ghalhekk il-konvenut intimat kien ben konsapevoli ta' l-obbligi mposti fuqu in forza ta' din is-sentenza, u minkejja dan tghabba b'pizijiet li ma jiflahx ghalihom oltre li ghex hajja biex ikompli jitghabba b'iktar mard u pizijiet meta dan seta' jigi evitat;

2. Illi l-esponenti teccepixxi wkoll li kif se jigi trattat fi-kawza, l-attur jiflah jixtri ghalih innifsu ammont kbir ta' sigaretti u xorb fix-xahar, kif ukoll jiflah jilghab il-flus kull gimgha, ghalhekk jiflah ihallas manteniment ghal uliedu kif ordnat;

3. Illi l-attur ghandu sahha bizzejjed biex isib impjieg fiss u f'kull kaz ser jigi ippruvat li l-attur ghadu jahdem izda jahdem bla ktieb biex jqarraq bl-esponenti u b'din l-Onorabbli Qorti biex ma jurix il-verita'. Fil-fatt huwa qabad u waqqaf il-manteniment ghal uliedu minuri b'mod hesrem f'Jannar 2013;

4. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti u dan bl-ispejjez kontra l-attur rikorrenti.

Rat l-atti;

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2017 l-Avukati tal-partijietipprezentaw nota kongunta anness maghha t-termini tal-ftehim milhuq bejniethom. Fl-istess udjenza l-partijiet talbu lill-Qorti taghti sentenza ai termini tal-ftehim.

Il-ftehim milhuq hu s-segwenti:

1. Il-komparenti Ragel qed jintrabat u jobbliga ruhu li jhallas lill-Mara manteniment ghaz-zewg ulied fis-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) kull erba'

gimghat u cioe` sebgha u hamsin ewro (€75) kull erba' gimghat, ghal kull wild, liema manteniment ghandu joghla kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-partijiet jaqblu li l-komparenti Missier ghandu jghaddi l-manteniment lill-Mara permezz ta' cheque li ghandu jintbaghat direttament lill-Mara.

2. Il-partijiet jaqblu wkoll illi fil-prezent il-wild Julius mhux jistudja u jinsab f'impjieg *full time,* u kwindi l-ebda manteniment m'huwa dovut ghalih mir-Ragel. Il-partijiet madanakollu jaqblu illi jekk fil-futur Julius jerga' jibda jistudja fuq bazi *full time,* sal-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena, il-manteniment dovut ghalih skont paragrafu numru wiehed (1) fuq, ghandu jerga' jibda jithallas. Il-partijiet madankollu qed jaqblu illi l-manteniment ta' Mattias ghandu jibqa jithallas stante illi huwa ghadu jistudja.

3. Il-partijiet qed jaqblu illi l-Manteniment hawn fuq imsemmi ghandu jibqa jithallas mir-Ragel lill-Mara sakemm l-ulied jkunu qed jabitaw maghha u jistudjaw *full time* u ma jkunux ghalqu it-tlieta u ghoxrin (23) sena. F'kaz li l-ulied jibqghu jistudjaw fuq bazi *full time* u jmorru jirrisjedu wahidhom, il-manteniment ghandu jithallas direttament lilhom. Ghal kull buon fini l-partijiet jaqblu li summerjobs u partime jobs ma ghandhomx jintitolaw lil missier sabiex jissospendi jew jirriduci l-manteniment dovut lil ulied. Fi kwlaunkwe kaz l-ebda manteniment ma jkun dovut malli l-ulied jghalqu it-tlieta u ghoxrin (23) sena

4. Il-partijiet qed jaqblu illi jekk ikun hemm tibdil fl-istatus tal-ulied, f'dak li jirrigwarda studju o meno, il-Mara tobbliga ruhha li tinforma lir-Ragel u dan tramite l-ulied stess.

5. Il-partijiet qed jaqblu wkoll illi l-mara qieghda presenzjalment tirrinunzja ghall-kwalsiasi arretrati ta' manteniment, mentri r-ragel qed jirrinunzja ghal xi hlasijiet imhallsa zejda ta' manteniment li seta' kien hemm, u ghalhekk qeghdin jaghtu kwittanza generali u ampja lil xulxin;

6. Il-partijiet jiddikjaraw reciprokament illi salv il-premess ma ghandhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin ghalhekk f'dan ir-rigward qeghdin jaghtu kwittanza generali u ampja lil xulxin;

7. Il-partijiet jiddikjaraw li huma resqu fuq dil-iskrittura bil-kunsens liberu taghhom, u li ma kellhom l-ebda pressjoni la minn parti minnhom u lanqas minn terzi, li seta' vvizzja dan il-kunsens, biex waslu ghal dan il-ftehim. Il-partijiet jiddikjaraw ukoll illi l-kontenut tal-istess skrittura gie spjegat lilhom mill-konsulenti legali rispettivi taghhom, u li huma jaqblu u jaccettaw l-istess kontenut bl-ebda riserva.

7. Il-partijiet jaqblu li ghandhom jitolbu lill- Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex dan il-ftehim jigi inkorporat fl-eventwali sentenza, b'dan illi l-ispejjez tal-proceduri hawn fuq imsemmija jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti ezaminat it-termini tal-ftehim u tapprovah ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'dan illi qed taghmlu parti integrali minn din is-sentenza.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**